# Business Breakfast: Tnedija tat-Tielet Ġenerazzjoni tal-*EUROPE DIRECT*

Daniel Borg Il-Ġimgħa 28 ta' Mejju 2021

## Preżentazzjoni dwar il-ħidma tal-Uffiċċju tal-*EUROPE DIRECT*

L-ewwel nett grazzi li lqajtu l-istedina tagħna llum. L-iskop ta' dan l-avveniment kien propjament li jiġbor flimkien nies li għandhom influwenza fis-soċjeta tagħna u li ninfurmawhom bil-ħidma ta' dan l-Uffiċċju. Għalxiex iservi? X'inhu l-iskop tiegħu?

Kif qal il-President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex Joseph Borg fl-intervent tiegħu tal-bidu ninsabu onorati li wara l-applikazzjoni li tfajna f'Awwissu tas-sena l-oħra erġajna ġejna magħżula li nkunu l-*host structure* ta' dan l-uffiċċju sas-sena 2025. Imma dan għaliex l-iktar nemmnu fir-rwol li dan l-uffiċċju għandu fi ħdan is-soċjeta tagħna.

Aħna lkoll li aħna nvoluti fil-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, min b'mod jew min b'ieħor huwa nvolut f'xi tip ta' ħidma fil-komunita. U għalhekk inħobb insejjaħ lill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, organizzazjoni komunitarja, jiġifieri organizzazjoni li taħdem fi ħdan il-komunita. U għalhekk ir-rwol tal-uffiċċju tal-*Europe Direct* jikkumplimenta il-ħidma tagħna, u infatti norganizzaw wkoll diversi attivitajiet f'sinerġija ma' xulxin.

Imma kif tista' fi ftit kliem tiġbor il-ħidma ta' dan l-uffiċċju:

- **Tinforma lill-komunita' bil-ħidma tal-Unjoni Ewropeja, u l-għanijiet tagħha**. Jien nemmen li dan ir-rwol illum huwa importanti iktar minn qatt qabel. Ħafna drabi aħna kapaċi nieħdu din it-tema *for granted*, imma naħseb li waħda mill-affarijiet li propjament urietna il-*Brexit* hu li dan ma hux il-każ.
- **Tressaq liċ-ċittadini eqreb lejn l-Unjoni Ewropeja.** Hekk kif l-Unjoni Ewropeja kompliet tikber matul is-snin, jista' jkun li tant tferxet il-ħidma tagħha, li ħafna drabi niġu dik li nħobb insejħilha 'information overload'. Dan iwassal biex il-messaġġ tal-Unjoni Ewropeja ma jibqax jasal għax jintilef flimkien ma' messaġġi oħra. U għalhekk ir-rwol ta' dan l-uffiċċju hu li b'mod konkret jaħdem ma' *stakeholders* importanti fi ħdan il-komunita, u jwassal l-iktar messaġġ importanti li l-Unjoni Ewropeja tixtieq twassal liċ-ċittadini, u kif ukoll li turi liċ-ċittadin kif l-Unjoni Ewropeja tista' tgħinu b'mod prattiku. Kont affaxxinat ix-xahar l-ieħor hekk kif ġejt mitlub niċċerja webinar tal-Europe Direct ' How can we assist you', kemm hawn entitatjiet hawn Malta li lesti jgħinuk f'dak kollu li

għandek bżonn, u dawn kollha huma uffiċċji relatati mal-Unjoni Ewropeja, imma li ħafna drabi dawn ma nafux bihom

- **Tħeġġeġ liċ-ċittadini biex ikunu involuti iktar fil-ħidma tal-Unjoni Ewropeja.** L-Unjoni Ewropeja dejjem iktar qed tagħraf l-importanza tal-konsultazzjoni. F'dan l-isfond l-uffiċċju tal-*Europe Direct* se jkollu rwol importanti biex jgħin ħalli ċ-ċittadini ikunu iktar attivi fl-aspetti kollha tal-Unjoni Ewropeja. Ta' min isemmi hawn per eżempju il-pjattaforma diġitali li ħolqot l-Unjoni Ewropeja biex tinvolvi iktar liċ-ċittadini Ewropej dwar il-Futur tal-Ewropa, fejn kull ċittadin ħa jkollu l-opportunita li jitkellem, jgħid x'tip ta' Ewropa jixtieq jgħix fiha, u li jgħin fit-tiswir tal-futur tagħha.

Imma x'għamel l-Uffiċċju tal-Europe Direct f'dawn is-snin?

## Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropeja

Waħda mill-ħidmiet prinċipali tal-*Europe Direct* hija l-ħidma fl-iskejjel. Mill-2014 saru madwar 40 sessjonijiet ma'skejjel, Skola Sajf, u entitajiet non governattivi oħra.

L-Uffiċċju tal-*Europe Direct* ippparteċipa wkoll f'madwar 31 avveniment li fihom tella' *information stands*. Dawn l-avvenimenti saru fi skejjel post sekondarji, avvenimenti organizzati mill-*Gozo Business Chamber*, il-*GUG Gozo University Week*, kif ukoll avvenimenti kulturali.

Minħabba l-effetti tal-pandemija din il-ħidma qalbet iktar għal waħda diġitali u għalhekk ġew organizzati numru ta' attivitajiet anke flimkien mal-istess *Gozo Business Chamber* fuq diversi temi fosthom d-diġitalizzazjoni u Brexit.

Ġew magħmulin ukoll pubblikazzjonijiet rigward temi partikolari Ewropej. Dawn kienu jitrattaw suġġetti varji mill-kultura, per eżempju l-*European Christmas Traditions*, *Ask Your MEP Civil Society Concerns, Awareness of Food Safety from Shop to Plate, Migration – Diversity – Human Rights, European Citizenship*. Dawn saru f'kollaborazzjoni ma' entitajiet edukattivi u non-governattivi Għawdxin, bħal kampus tal-*Institute of Tourism Studies* f'Għawdex u l-AGEM, l-għaqda li tirrappreżenta il-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu f'Malta.

Hawnhekk tidħol ukoll l-organizzazjoni tal-*Europe Day*, li ta' kull sena kienet tiġi ċċelebrata f'forma ta' attivitajiet divertenti u edukattivi għall-familja kollha f'Villa Rundle. Sfortunatament dawn l-aħħar sentejn din l-attivita ma setgħetx issir, għalkemm saru attivitajiet li bihom xorta rajna kif nistgħu nikkommemoraw dan il-jum importanti. Inħarsu 'l quddiem biex naraw din l-attivita terġa' ssir.

Hawn ta' min jgħid ukoll li waħda mill-ħidmiet prinċipali tal-*Europe Direct* hi li tirrispondi d-domandi li jsirulha minn individwi. Dan huwa r-rwol ta'kull uffiċċju tal-Europe Direct, u għalhekk ikun hemm rotazzjoni bejn id-diversi uffiċċji f'din il-ħidma.

## Inressqu iktar iċ-ċittadini Qrib l-Unjoni Ewropeja

Rwol importanti għall-uffiċċju tal-Europe Direct hu li tressaq liċ-ċittadini iktar qrib l-Unjoni Ewropeja u lejn it-temi / suġġetti mportanti li qed jiġu diskussi fuq livell Ewopew

bħal per eżempju l-ikel organiku, il-ħela tal-ikel u għalhekk il-konsum responsabbli tal-ikel, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-bidja sostenibbli u għalhekk il-promozzjoni tal-*farm to fork*, id-diġitalizzazjoni u s-sostenibilta.

Dan kollu sar permezz ta' diversi attivitajiet li kienu jinkludu talks kif ukoll kompetizzjonijiet ma'entitajiet non governattivi oħra bħal *EDIC Globe Steam Challenge*.

Biex tgħin liċ-ċittadini jħossuhom iktar qrib l-Unjoni Ewropeja huwa mportanti wkoll li ċ-ċittadini jagħrfu kif tissarraf għalihom b'mod konkret is-sħubija fl-Unjoni Ewropeja. U għalhekk saru attivitajiet bħal żjajjar organizzati għall-pubbliku fuq proġetti ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropeja.

Imma l-Ewropa, mhix aħna biss x'qed jiġri f'Għawdex u f'Malta. Waħda mill-kolonni ewlenin tal-Unjoni Ewropeja hija l-element tas-solidarjeta bejn id-diversi pajjiżi: nagħrfu iva d-differenzi ta' bejnietna, imma dawn mhux differenzi li jbegħduna, imma li jġibuna iktar qrib xulxin. U għalhekk tul dawn is-snin l-uffiċċju tal-Europe Direct organizza diversi attivitajiet fejn ikkopera ma' uffiċċji oħrajn barra minn Malta biex ikun hemm *sharing* fuq id-diversi kulturi tal-pajjiżi Ewropej. Attivita ta' min isemmi hawnhekk hija t-*Transnational Dialogue* bejn Sqallija u Malta fejn grupp ta' ċittadini minn Għawdex kellhom l-opportunita' li jżuru Trapani u Palermo għal sessjonijiet ta' djalogu fuq suġġetti varji relatati mal-Unjoni Ewropeja.

## Tħeġġeġ liċ-ċittadini biex ikunu involuti iktar fil-ħidma tal-Unjoni Ewropeja

U X'se jkun il-pass il-quddiem? Il-Pass il-quddiem se jkun li l-uffiċċju tal-*Europe Direct* ikompli jaqdi d-dmir tiegħu li jkompli jinforma liċ-ċittadin, imma li jħeġġeġ iktar liċ-ċittadini jinvolvu ruħhom mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja. Għal Europe Direct huwa mportanti li ċ-ċittadini verament jagħrfu li jista' jkollhom leħen fl-istituzzjonijiet Ewropej.

U għalhekk tul dawn l-aħħar snin l-Uffiċċju tal-Europe Direct organizza diversi attivitajiet qrib l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew biex isiru jafu l-kandidati li jkunu ħerġin u li jagħrfu l-importanza li jivvotaw, u għala le jidħlu fi djalogu kostruttiv ma' dawn il-kandidati. U għalhekk ġew organizzati diversi attivitajiet f'forom ta' dibattiti bħal: (a) *This Time I'm voting*; u (b) *What Europe Does for Me: Why Should I Vote?*

## Konklużjoni

Hawnhekk semmejt biss ftit affarijiet u fil-*panels* li ġejjin se jkollkhom l-opportunita' li tisimgħu iktar kif l-uffiċċju tal-*Europe Direct* ħadem b'mod konkret fil-qasam tal-lokalitajiet u dak edukattiv.

Din il-pandemija ħolqot fina lkoll konfużjoni u nċertezza. Imma ħaġa waħda li urietna żgur hi li forsi wara xi ftit tħassib x'ħin il-pajjiżi kollha fl-Unjoni Ewropeja bdew jaħdmu ma' xulxin, it-triq 'il quddiem kienet inqas imwiegħra. L-Unjoni Ewropeja f'dan is-sens urietna li l-futur qiegħed fuq dawn it-tlett pilastri:

- Id-Diġitalizzazjoni
- Is-Sostenibilta

- U r-Reżiljenza, jiġifieri li fiż-żmien li ġej insaħħu l-preparazzjoni tagħna. Ma nistgħux nerġgħu niġu f'sitwazzjoni bħal din li forsi sabitna daqshekk mhux preparati fuq kull livell: soċjali, mediku, u ekonomiku

Dawn ma jridux jibqgħu biss kliem fl-ajru, imma jridu jissarfu f'azzjonijiet konkreti. U għalhekk li l-Unjoni Ewropeja f'dan iċ-ċiklu ġdid tal-baġit tagħha se tkun qed tagħfas fuq dawn il-pilastri. U għalhekk ir-rwoll tal-uffiċċju tal-*Europe Direct* fis-snin li ġejjin fi ħdan il-*Gozo Business Chamber*, se jsir wieħed iktar sinifikanti.

Nagħlaq billi nirreferi għal-wiċċ ta' dan l-uffiċċju, jiġifieri Marlene Muscat li ħadmet bis-sħiħ mill-2014 biex dan l-uffiċċju jkompli iżjed jissaħħaħ. Minn hawn ngħidilha grazzi u nawgurala iktar ħidma fis-snin li ġejjin. Grazzi Marlene

Imma ma nistax nispiċċa qabel ma nagħmel dan l-appell. Ejja ma naqtgħux qalbna f'dan il-mument! L-Unjoni Ewropjea nbniet fuq l-irmied tat-tieni gwerra dinjija, fejn grupp ta' nies raw il-valur tal-għaqda u s-solidarjeta. Minn qalbi nixtieq li l-uffiċċju tal-*Europe Direct* ikompli jkun mhux biss għodda rilevanti, imma dawl ta' tama għall-valuri li tħaddan l-Unjoni Ewropeja fi ħdan il-komunita Għawdxija.